# Emm.za Fabrizio Sciberras Testaferrata † Kardinal

Is-Sur Stephen Spiteri

Nhar is-Sibt 18 ta' Frar 2011, il-Papa Benedittu XVI ħatar lill-Patri Prospero Grech Agostinjan biex ikun it-Tieni Kardinal Malti. Għalhekk filwaqt li bħala Soċjetà nawgurawlu kull suċċess f'din il-kariga ġdida fi ħdan il-Knisja Kattolika, nieħu din l-okkazzjoni biex nagħti ftit informazzjoni dwar l-ewwel Kardinal Malti fl-istorja tal-Knisja ta' Malta.




L-ewwel Kardinal imwieled Malta kien, Fabrizio Sciberras Testaferrata li twieled fl-1 ta' April 1757 fil-Belt Valletta u ġie mgħammed jumejn wara. Sciberras Testaferata irċieva l-*insignias clerical character* fit-12 ta' Settembru, 1768. Fil-1770 laħaq kanonku kuġitur ta' Għar-Barca. Kien Gvernatur u delegat appostoliku f'Narni, Città di Castello, Fano, Tolentino and Macerata. Ħa l-edukazzjoni tiegħu fil-Collegio Clementino, Ruma (1771); La Sapienza University, Ruma (ħa dottorat fil-*utroque iure*, is-26 ta' November, 1785). Irċieva l-*Crucem Aureaum Devotionis* mill-Gran Mastru tal-Ordni f'Malta fit-12 ta' Diċembru, 1786.

Qaddes il-1802 u fl-istess sena nhar l-20 ta' Settembru, 1802, ġie appuntat Arċisqof Titulari ta' Berito u rċieva l-Ordinazzjoni Episkopali u l-pussess fil-21 ta' Diċembru, ta' l-istess sena f'Ruma mill-Kardinal Emm.za Giuseppe Maria Doria Panpilj (1751-1816). Ġie appuntat Nunzju ta' l-Isvizzera fl-20 ta' Settembru, 1803 u segretarju għall-Kongressjoni tal-Isqfijiet u Regulari fil-1815.

Nominat Kardinal u baqa' resevat *in pectore* fil-konċestorju ta' nhar it-8 ta' Marzu, 1816 mill-Papa Piju VII (1800-1823) fl-eta ta' 59 Sena. Dan kien l-10 konċestorju u kienu laħqu 31 Kardinal. Fost dawn il-Kardinali kienu laħqu żewġ Papiet kif se naqraw aktar 'il quddiem. Ismu ġie ppublikat fil-konċestorju tas-6 ta' April, 1818 u rċieva l-kappell l-aħmar taħt it-titlu dioċesan ta' Santa Pudenziana nhar it-22 ta' Mejju tal-istess sena. Ġie ttrasferit għad-dioċesi ta' Senigallia fejn baqa' sa mewtu.






L-Emmza l-Kardinal Sciberras kellu sehem fi tliet konklavi (jiġifieri elezzjonijiet sabiex jeleġġu Papa) li fl-ewwel żewġ konklavi laħqu Papiet mill-istess konċestorju tiegħu (jiġifieri laħqu Kardinali miegħu). Dan ifisser li f'dawn it-tlett konklavi l-Kardinal Sciberras seta ġie elett Papa.

Fl-ewwel konklavi li ha sehem fihom kienu saru mit-2 sa 28 ta' Settembru 1823 (kważi xahar) fejn kienu ivvutaw 49 min 53 Kardinal u kien ġie magħżul l-Emm.za Annibale della Grengo li ħa l-isem ta' Ljun XII, Papa (1823 sa 1829).

Fit-tieni darba li ħa sehem 'konklavi kien sitt snin wara, u kienu saru bejn 24 ta' Frar sa 31 ta' Marzu, 1829 (ħames ġimgħat) meta kienu ivvutaw 50 min 58 Kardinal u kien ġie magħzul l-Emm.za Francesco Saverio Castiglioni li ħa l-isem ta' Piju VIII, Papa (1829 sa 1830)

Fit-tielet u l-aħħar konklavi li fih kellu sehem, f'inqas minn sentejn wara, bejn 14 ta' Diċembru, 1830 sat-2 ta' Frar, 1831 (xahar u nofs) meta kienu vvutaw 45 min 54 Kardinal u kien ġie magħżul l-Emm.za Mauro Albelto Cappellaci, O.S.B. Cam, ħa l-isem ta' Gregorju XVI, Papa (1831 sa 1846).

Il-Kardinal Fabrizio Sceberras Testaferrata miet fit-3 ta' Awwissu, 1843 fl-eta ta' 86 sena. Tpoġġa għall-qima u wara l-funzjoni funebri ġie midfun fil-Katidral ta' Senigallia.

It-Tieni Kardinal Malti l-Emm.za Prospero Grech† Kardinal u l-Istemma Episkopali tiegħu.

*(Dan it-tariff kien meħud minn fuq l-Internet)*

IL-FESTA T-TAJBA

MARIO BALDACCHINO
**Furniture Upholstery**
Fleet Str., Gżira
(Faċċata tal-Mużew)
Tel: 21315906 - Mob: 99200541
*Jawguraw il-Festa t-Tajba lill-Gżirjani Kollha*

**carparts**
TUDOR BATTERIES
409 Rue D'Argens
Gzira GZR 05 Malta
Tel: 21 339669,
21 317517
wvs@wvsmarketing.com

